MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 383/2013

**L-Avukat Nicholas Valenzia bhala mandatarju specjali**

**tas-socjeta estera Jovanmar Agencies Limited ta' Limassol, Cipru**

**vs**

**Il-Bastiment Archon G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-17 ta' April 2013 li jghid hekk:

1. Illi l-attrici Jovanmar Agencies Limited hija kumpanija registrata f'Cipru illi taghti servizzi ta' agenzija marittima u servizzi ohrajn relatati.

2. Illi l-bastiment intimat huwa cargo ship registrat gewwa l-Comoros, proprjeta tal-kumpanija Griega Sariel Navigation Company. Il-bastiment jinstab prezentement fl-ibhra Maltin.

3. Illi Jovanmar Agencies Limited kienet ghamlet self lil Sariel Navigation Co biex parzjalment tiffinanzja x-xiri tal-bastiment Archon G. Mis-somma msellfa ghadu dovut l-ammont ta' erbgha u sebghin elf u disgha u sebghin euro (USD74,079) (ara bank transfer Dok NV 1).

4. Illi inoltre matul l-2012 u 1-2013, l-attrici Jovanmar Agencies Limited prestat diversi servizzi lill-bastiment Archon G u inkorriet diversi spejjez fuq talba tas-sidien u/jew managers tal-imsemmi bastiment fosthom drittijiet portwali, bunker supplies, spejjez tal-marine coating u spejjez ohrajn relatati. F'dan ir-rigward il-bastiment Archon G huwa debitur tal-attrici fis-somma tal mija u tnax-il elf u sitt dollaru Amerikan u tlieta u tmenin centezmu (USD112,006.83) li minnhom is-somma ta' USD81,821.89 tirraprezenta bunker supplies maghmula minn Island Oil Limited li ghadhom mhux imhallsa u li ghall-hlas taghhom hija responsabbli Jovanmar Agencies Limited. Dan jirrizulta mill-istatement of account anness (Doc NV 2)(Doc NV 3).

5. Illi ghalhekk il-bastimenti Archon G huwa debitur tal-attrici Jovanmar Agencies Limited fl-ammont totali ta' USD186,085.83.

6. Illi l-konvenut giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti minnha dovuti izda ghalkemm l-ammonti dovuti qatt ma gew ikkontestati sallum, l-ammont mitlub ghadu pendenti.

7. Illi ghal kull bwon fini l-esponenti tirrileva illi hija ikkawtelat il-pretensjoni taghha bil-mandat t'arrest ta' bcejjec tal-bahar fl-ismijiet fuq citati (486/2013 MG) illi in forza tieghu il-bastiment Archon G huwa prezentement arrestat fl-ibhra Maltin.

GHALDAQSTANT, l-attur nomine umilment jitlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) Tiddikjara li l-bastiment konvenut huwa debitur tal-kumpanija attrici Jovanmar Agencies Limited fis-somma ta' mija u sitta u tmenin elf u hamsa u tmenin dollaru Amerikan u tlieta u tmenin centezmu (USD186,085.83) [ekwivalenti ghal mija u hamsa u erbghin elf tlett mija u tmenin euro (€145,380) jew somma verjuri], konsistenti in kwantu ghal erbgha u sebghin elf u disgha u sebghin centezmu (USD74,079) f'bilanc li ghadu jrid jithallas lura minn somma msellfa versu x-xiri tal-bastiment Archon G, wiehed u tmenin elf tmien mija u wiehed u

ghoxrin dollaru Amerikan u disgha u tmenin centezmu f'bunker supplies maghmula minna Island Oil Limited li ghadhom ma thallsux u li ghall-hlas taghhom hija responsabbli Jovanmar Agencies Limited u r-rimanenti bilanc ta' tletin elf mja u erbgha u tmenin dollaru Amerikan u erbgha u disghin centezmu (USD30,184.94) konsistenti fi prezz ta' servizzi ta' agenzija marittima u provizjonijiet ohra prestati lil u spejjez inkorsi fir-rigward tal-bastiment konvenut;

(ii) Tikkundanna lilI-bastiment konvenut Arhcon G ihallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' mija u sitta u tmenin elf u hamsa u tmenin dollaru Amerikan u tlieta u tmenin centezmu (USD186,085.83) [ekwivalenti ghal mija u hamsa u erbghin elf tlett mija u tmenin euro (€145,380) jew somma verjuri].

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluz dawk tal-mandat t'arrest kawtelatorjuipprezentat nhar it-28 ta' Marzu, 2013 (486/13 JRM) u bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata applikabbli ai termini tal-Kap. 13, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-bastiment konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li r-risposta guramentata tal-bastiment konvenut li tghid hekk:

1. Illi saru diversi hlasijiet lis-socjeta rikorrenti u li hija ma hijiex tiehu konjizzjoni taghhom, kif se jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza odjerna.

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment teccepixxi s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa esagerat stante li ma gewx imnaqqsa mis-socjeta rikorrenti l-ammonti kollha li hija gja rceviet, u li ghalhekk l-ammont li jista' jkun dovut lis-socjeta rikorrenti huwa ferm anqas minn dak mitlub minnha, bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti nomine li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn is-socjeta attrici bhala kumpanija li taghti servizzi marittimi qed tirriklama li hi kreditrici tal-vapur konvenut ta’ diversi ammonti konsistenti

1. Hlas lura ta’ bilanc ta’ self maghmul lis-sidien tal-bastiment ghax-xiri tieghu;

2. Hlas lura ta’ spejjez maghmula fuq inkarigu tas-sidien/managers tal-vapur.

Il-vapur konvenut qed ighid biss fir-risposta tieghu illi saru hlasijiet mhux mehuda in konsiderazzjoni mis-socjeta attrici.

**Provi**

L-affidavit ta’ Athanasios Giovanni (fol. 249 tal-process) li hu shipping operations manager tas-socjeta attrici jghid li kien qed jircievi struzzjonijiet minghand is-socjeta Royal Melody bhala managers tal-vapur tramite Dravila Maria u Panagiotis Voulgaris li huma s-sidien tal-vapur. Hu mbaghad irrepeta dak li jinsab fir-rikors guramentat.

Panagiotis Voulgaris fl-affidavit tieghu (fol. 268 tal-process) ighid li hu direttur tas-socjeta Royal Melody SA li hi l-manager tal-vapur, li l-proprjetarja tieghu hi Sariel Navigation Co. Hu cahad li s-self sar mis-socjeta sid il-vapur izda sar ma’ Royal Melody SA u l-ammont tas-self kien biss ta’ USD70,000 li minnhom thallas l-ammont ta’ USD15,242.15. Il-bilanc dovut ghandu jkun pacut bi flus dovuti lil Royal Melody SA ghal freight migbur mis-socjeta attrici mhux mibghut lil Royal Melody SA. Il-ftehim kien li l-ispejjez tas-socjeta attrici jithallas mill-freight u l-bilanc mibghut lil Royal Melody SA. Specifikament ix-xhud isemmi freight

partikolari ammontanti ghal USD95,625 mizmum mis-socjeta attrici fit-12 ta' April 2013 bhala hlas ghal servizzi rezi mentri dan il-freight ricevut fit-13 ta' Marzu 2013 kien jammonta ghal USD104,283.27. Jinsisti li ebda ammont ta' spejjez reklamat ma hu dovut. Rigward il-bunkering pretiz ta' USD81,821.89 pretiz mis-socjeta Island Oil u li ghadu mhux imhallas dan l-ammont ghandu jigi pacut ma' ammonti dovuti lil Royal Melody SA skond pretensjonijiet dedotti fil-Qorti Griega. Jikkonkludi li fil-fatt is-socjeta sid il-vapur, rapprezentata mill-agent Royal Melody SA huma kredituri tas-socjeta attrici mhux vice versa.

Maria Dravila fl-affidavit taghha (fol. 275 tal-process) tghid li hi azzjonista fis-socjeta Sariel Navigation Co. Hi tichad li hemm dovuti xi spejjez ta' arretrati fl-ammont ta' USD49,436.64 lis-socjeta attrici ghax lanqas saret prova dokumentarja dwarhom. Hi ssostni l-pozizzjoni dwar is-self u l-freight mizmum mis-socjeta attrici kif dikjarat mix-xhud Voulgaris u l-bilanc ghandu jigi pacut bi flus dovuti lil Royal Melody SA. L-ammont ta' USD390 dovuti ghal hlasijiet lil kaptan tal-vapur fl-1 ta' Novembru 2011 huma michuda mill-istess kaptan. L-ammont ta' USD1,155.20 li gew imhallsa mis-socjeta attrici fl-1 ta' Frar 2013 lil Europa SA gew imnaqqsa mill-istess socjeta attrici mill-freight invoice datat 26 ta' Ottubru 2012.

Xehed ukoll Ioannis Papadopoulos chartering broker li kkonferma li hu ghamel charter tal-vapur u gie mitlub mis-socjeta attrici bhala shipping agent li jhallas ic-chartering fee ta' USD104,283.27 kif fil-fatt ghamel.

**Konsiderazzjonijiet**

Jekk wiehed jaghsar il-kwistjoni fit-termini semplici taghha jasal ghal konkluzjoni illi din hi kwistjoni ta' provi fattwali dwar krediti, hlasijiet u bilanci li jistghu jkunu dovuti. Fil-fatt ma hemm ebda eccezzjoni mill-vapur konvenut ghajr wahda ta' bilanci dovuti.

La darba din hi l-kwistjoni li trid tigi indagata, bhala principju regolatur, jinkombi fuq l-attur li jipprova fuq bilanc ta' probabilta l-kaz tieghu u li t-talbiet tieghu joholqu konvincement morali fil-Qorti li ghandhom jigu milqugha.

Is-socjeta attrici elenkat il-krediti dovuti lilha fid-dokument NV3 a fol. 9 tal-process. Dawn il-krediti jridu jigu kunsidrati wahda wahda tenut kont tal-provi migjuba u kontestazzjoni a rigward.

l-ewwel partita tirrigwarda arretrati ta' USD49,436.46. Dwar dan l-ammont ma saret ebda prova mis-socjeta attrici mnejn tirrizulta. Tenut kont illi hemm cahda mill-vapur ta'dan il-kreditu konsistenti f'arretrati, jinkombi fuq is-socjeta attrici li ggib prova cara u sufficjentament konvincenti li tali ammont hu fil-fatt dovut minn bilanc ta' arretrati. Is-socjeta attrici naqset li ggib kwalsiasi prova a rigward, u ghalhekk din il-Qorti ma tqis li tista' takkolji din it-talba. Mhux bizzejjed ghas-socjeta attrici illi fin-nota ta' osservazzjonijet tirreferi ghad-dokument NV2 bhala prova billi dan id-dokument a fol. 8 tal-process ma jaghtix spjegazzjoni tal-ammont riklamat bhala arretrati dovuti lanqas il-fatturi pprezentati mad-dokument NV3 ma jirrifletti dan l-ammont u l-istess socjeta attrici ma taghtix spjegazzjoni kif u minn fejn jirrizulta dovut.

It-tieni partita tirrigwarda s-self u hu dovut bilanc ta' USD106,079. Jidher li kien pacifiku li nghata self tramite l-agent lil vapur Royal Melody SA (Dok. NV1 a fol. 7 tal-process). Ghalkemm jinghad mix-xiehda prodotti mill-vapur illi l-ammont tas-self kien ta' USD70,000 jidher mid-dokument NV1 mhux kontestat mill-istess vapur illi l-ammont kien ta' USD116,000. Is-socjeta attrici tghid li l-bilanc tas-self hu ta' USD106,079 fl-istess document pero fix-xiehda ta' Athanasios Giovanni a fol. 249 tal-process ighid li l-bilanc hu ta' USD74,079. Ix-xiehda ghall-vapur ighidu li saru hlasijiet ammontanti ghal USD15,242.15. pero ma ngiebet ebda prova tangibbli mill-vapur ta' dan il-hlas u billi s-self mhux kontestat u jirrizulta mix-xiehda ta' Athanasios Giovanni li l-bilanc tas-self jammonta ghal USD74,079, dan l-ammont jirrizulta dovut lis-socjeta attrici.

In kwantu ghal invoices mibghuta lis-socjeta attrici ghal bunkers dovuti lis-socjeta Island Oil, jidher mill-invoices illi l-ammont ta' USD81,821.89 hu fil-fatt dovut. Anki x-xhud Voulgaris jaqbel li l-ammont hu dovut pero jsostni li ghandu jigi pacut ma' ammonti dovuti lil vapur skond pretensjonijiet dedotti fil-Qorti Griega. Ma saret ebda prova dwar dawn il-pretensjonijiet u hi l-fehma tal-Qorti illi semplici allegazzjoni ta' tpacija ma twassalx ghal tnaqqis ta' kreditu li jidher dovut, bla prova cara dwar il-kreditu dovut lil vapur, u mhux

semplicement allegazzjoni ta’ kreditu sub iudice f’Qorti f’gurisdizzjoni ohra. Ghalhekk l-ammont ta’ USD81,821.85 hu dovut lis-socjeta attrici.

Il-bqija tal-partiti jirrigwardaw spejjez maghmula mis-socjeta attrici cioe

1. Passing Corinth canal 13/3/13 USD2,369.24

2. Swift for Wilckens USD12,266.61

3. Cash to master Mr. Nikolaos 1/11/11 USD390

4. Swift for bunkers 15/3/13 USD28,000

5. Bank charges 15/3/13 USD192.25

6. Dispatch 23/10/12 USD1,155.20

Dawn il-krediti huma kontestati. Il-Qorti li fliet id-dokumenti in sostenn tat-talbiet attrici minn fol. 10 sa 26 ma sabet ebda konfort li, bl-eccezzjoni tal-invoices ta’ Island Oil li gie kunsidrat aktar il-fuq, fost dawn id-dokumenti hemm xi wahda li tallacja mal-ammonti reklamati. Kif inghad l-ammonti qed jigu kontestati u x-xhud tas-socjeta attrici bl-ebda mod ma pprova li l-ammonti huma dovuti minn xi dokumentazzjoni li din il-Qorti tista’ tqabbel mal-ammont reklamat. Hu definittivament mhux bizzejjed ghas-socjeta attrici li telenka biss l-oggett tat-talba pekunjarja izda trid turi kif din hi sostnuta bi provi li jwasslu lil Qorti biex tikkonvinci ruhha. Jinghad li l-ammonti pretizi kollha suppost ihallu paper trail facilment rintraccjabli mis-socjeta attrici. Il-fatt li s-socjeta attrici naqset li taghmel l-icken prova in sostenn tal-talba ma jhalli ebda ghazla lil Qorti hlief lli tichadha.

Is-socjeta attrici naqset mill-ammont allegatament dovut is-somma ta’ USD95,625 bhala hlas ta’ freight maghmul ghal vjagg Dripani/Skikda, liema freight hu dovut lis-socjeta Royal Melody SA bhala agent tas-sidien tal-bastiment. Il-vapur konvenut jikkontesta li l-ammont li fil-fatt zammet f’idejha s-socjeta attrici kien ta’ USD104,283.27. Dan jirrizulta mill-bank transfer a fol. 240 tal-process li ghalkemm bil-Grieg pero s-sinifikat tieghu hu pjuttost car. Is-socjeta attrici tonqos li tispjega din id-diskrepanza u jekk l-ammont li tnaqqas kienx jirrifletti l-bilanc wara tnaqqis ta’ spejjez, u fl-affermattiv, x’kienu dawn l-ispejjez. Fic-cirkostanzi din il-

Qorti ma tistax ma tqis li l-ammont li kellu jitnaqqas hu l-ammont ricevut mis-socjeta attrici cioe USD104,283.27.

**Konkluzjoni**

Ghalhekk jirrizulta illi ghalkemm is-socjeta attrici ippruvat li ghandha ragun pero l-ammont dovut ippruvat hu anqas minn dak mitlub u fl-istess waqt il-vapur konvenut naqas li jgib prova tangibbli dwar ammonti dovuti lilu li ghandhom jitpacew mill-ammont dovut bl-eccezzjoni biss dwar l-ammont ta' freight imnaqqas rigward il-vjagg Drapano/Skikda. Ghalhekk hu dovut lis-socjeta attrici s-somma ta' USD74,079 + USD81,821.89 b'kollox USD155,900.89 li minnu jrid jitnaqqas l-ammont ta' USD104,283.27 kif fuq inghad li jgib il-bilanc dovut lis-socjeta attrici ghal USD51,517.62.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici pero limitatament ghal ammont ta' USD51,617.62 jew ekwivalenti f'euro fil-mument tal-hlas, bl-ispejjez jinqasmu zewg terzi ghas-socjeta attrici u terz ghal vapur konvenut u bl-imghax skond il-Kapitolu 13 li fic-cirkostanzi jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM------------------------------